**11 ta' Diċembru, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Patrick Vella B.A., LL.D. Mag. Juris. (Eur. Law)**

Il-Pulizija

*versus*

Nicholas Cutajar

## Dritt ta' Appell ta' l-Avukat Ġenerali

*L-Avukat Ġenerali ma għandux dritt ta' appell meta s-sentenza appellata tkun ibbażata fuq apprezzament ta' fatt, korrett jew le.*

*L-artikolu 413 (1) (b) (iv) (i) tal-Kodiċi Kriminali jagħti dritt ta' appell lill-Avukat Ġenerali meta l-Maġistrat li jkun iddeċieda l-kawża fl-ewwel istanza jkun iddikjara illi fil-fatt ma kienx hemm l-elementi kostituttivi tar-reat addebitat lill-imputat, iżda din il-kelma "fatt" għandha tiftiehem bħala l-fatt kif miġjub fl-imputazzjoni apparti l-provi u mhux il-fatti kif jirriżultaw mill-provi.*

*Taħt din id-disposizzjoni huwa anke permess l-appell meta, għad li l-Maġistrat ikun daħal fil-fatt, però meta jkun ġie biex japplika għalihom id-disposizzjoni tal-liġi, hu jinterpretaha ħażin, għaliex*

*f'każ simili jkun hemm ukoll kwistjoni tal-liġi.*

*Meta l-Qorti ta' l-Appell Kriminali ma ssibx fis-sentenza appellata enunċjazzjoni żbaljata tal-liġi, allura b'hekk l-appell tal-prosekuzzjoni jkun eżawrit, għaliex diversament ikun qed jiġi ammess appell f'każ fejn mhux ammisibbli, u din il-Qorti tkun qed tissindika apprezzament ta' fatt tal-Qorti* a qua *fuq il-fatti kif riżultati mill-provi, ħaġa li mhix ammessa.*

*Id-dritt ta' appell ikkontemplat fl-artikolu 413 (1) (b) (iv) (i) jeżisti meta l-Qorti tkun illiberat lill-imputat għaliex fil-fatt kif dedott fl-akkuża, indipendentement mill-provi, ma jkunx hemm reat, u mhux ukoll fil-każ li tkun illiberatu għaliex fil-fatt kif ippruvat, ċjoè wara l-apprezzament tal-provi, ma jkunx hemm reat.*

*Is-sempliċi applikazzjoni tal-liġi għall-fatt ma tammontax għal punt ta' dritt. Kieku kien diversament, kull sentenza kienet tkun appellabbli għaliex f'kull sentenza bilfors hemm u ssir applikazzjoni tal-liġi. L-artikolu 413 (1) (b) (iv) (i) ma għandux jiġi żnaturat b'mod illi malli f'sentenza tissemma l-liġi, allura jitqies li hemm lok għall-appell fuq punt ta' dritt, imma għandu jiġi korrettement miżmum fil-limiti ġusti tiegħu.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Nicholas Cutajar akkużat:; (1) talli fuq ordni tal-Qorti Kriminali tas-7 ta' Jannar, 1993, hu kien ta xhieda falza fit-2 ta' Jannar, 1993, fi proċeduri kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta *vs* Dr. Lawrence Pullicino** dwar delitt soġġett għall-piena ta' priġunerija għal żmien sentejn, sew kontra kemm favur il-persuna akkużata; (2) talli ħalef falz quddiem Maġistrat jew quddiem uffiċjal ieħor li jkollu s-setgħa b'liġi li jagħti l-ġurament, liema ġurament kien meħtieġ mil-liġi, jew ordnat b'sentenza jew b'digriet ta' waħda mill-Qrati ta' Malta; (3) talli bil-ħsieb li jagħmel delitt ta'

korruzzjoni ta' xhud, il-P.C. 338 George Sciberras, wera dan il-ħsieb fit-2 ta' Jannar, 1993 u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt b'atti esterni, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu; u ukoll (4) talli fit-2 ta' Novembru, 1992, bla ordni skond il-liġi ta' awtorità kompetenti u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lill-kuntistabbli tal-pulizija Nicholas Vassallo u lil Joseph Cutajar kontra l-volontà tagħhom u dan f'Miller's Lodge, Triq Lorenzo Gafà, is-Siġġiewi;

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Ġunju, 1998, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fejn ġie ddikjarat li kien intlaħaq qbil bejn il-partijiet li l-imputazzjoni li fuqha dik il-Qorti kellha tiddeċidi kienet biss l-imputazzjoni indikata fin-nota ta' rinviju ta' l-Avukat Ġenerali a fol. 159 tal-proċess, u ċjoè, ai termini ta' l-artikoli 86 u 89 tal-Kodiċi Kriminali;

Rat is-sentenza mogħtija fit-13 ta' Ottubru, 1998, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li biha dik il-Qorti ma sabitx ħtija fl-akkużat għall-akkuża dedotta kontrih *ai termini* ta' l-artikoli 86 u 89 tal-Kodiċi Kriminali, u għalhekk illiberatu minn kull ħtija u piena;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali ddatat 22 ta' Ottubru, 1998, li bih talab li din il-Qorti tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata, u, wara li tiddikjara lill-appellat ħati skond l-akkuża mressqa kontrih, tinfliġġi fuqu l-piena skond il-liġi;

Rat l-aggravju ta' l-appellant Avukat Ġenerali konsistenti fis-segwenti: illi sa ċertu punt kien jidher li l-Ewwel Qorti kienet apparentement sejra tibda tagħmel enunċjazazzjoni tajba

tal-liġi kwantu jirrigwarda l-elementi meħtieġa sabiex jissussisti r-reat in kwistjoni, iżda mbagħad waslet biex tagħmel enunċjazzjoni ħażina u żbaljata tal-liġi b'mod li mill-provi prodotti, minkejja l-konklużjoni opposta li kella raġonevolment u legalment tiġi milħuqa minnha, ma sabitx ħtija fl-appellat;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-proċediment;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fis-seduta quddiem din il-Qorti tad-19 ta' Novembru, 1998, l-appellat Nicholas Cutajar, tramite l-avukat difensur tiegħu, eċċepixxa illi l-Avukat Ġenerali ma kellux dritt ta' appell mis-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti peress li hu kien ġie lliberat minn dik il-Qorti fuq apprezzament ta' fatti biss;

Illi fuq din l-eċċezzjoni, kemm l-avukat difensur ta' l-appellat kif ukoll l-appellant Avukat Ġenerali għamlu s-sottomissjonijiet verbali tagħhom;

Illi għalhekk, f'dan l-istadju, din il-Qorti qiegħda tillimita d-deċiżjoni tagħha fuq din l-eċċezzjoni ta' l-appellat;

L-Avukat Ġenerali qed jibbaża d-dritt ta' appell tiegħu fuq id-dispost ta' l-artikoli 413 (1) (b) (iv) (i) tal-Kodiċi Kriminali. Fuq din l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità mressqa mill-appellat, għandu jingħad li ormai huwa paċifiku fil-ġurisprudenza lokali illi taħt l-imsemmi artikolu tal-Kodiċi Kriminali ma jistax isir appell mill-Avukat Ġenerali meta s-sentenza appellata tkun ibbażata fuq apprezzament ta' fatt, korrett jew le. L-imsemmi

artikolu tal-liġi jagħti dritt ta' appell lill-Avukat Ġenerali meta l-Maġistrat li jkun iddeċida l-kawża fl-ewwel istanza jkun iddikjara illi fil-fatt ma kienx hemm l-elementi kostituttivi tar-reat addebitat lill-akkużat jew imputat, iżda din il-kelma "fatt" għandha tinftiehem bħala l-fatt kif miġjub fl-imputazzjoni apparti l-provi, u mhux il-fatti kif jirriżultaw mill-provi (ara, fost oħrajn, sentenza ta' din il-Qorti, per Onor. Imħallef L.A. Camilleri, **Il-Pulizija *vs* Anthony Trapani**, deċiża 20 ta' Settembru, 1941, fejn hemm miġbura l-ġurisprudenza f'dan is-sens, kif ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti per Onor. Imħallef W. Harding, **Il-Pulizija *vs* Vincenzo Grech**, deċiża 1 ta' Marzu, 1941). Taħt l-istess disposizzjoni huwa anke permess l-appell meta, għad li l-Maġistrat ikun daħal fil-fatti, però, meta jkun ġie biex japplika għalihom id-disposizzjoni tal-liġi, hu jinterpretaha ħażin, għaliex f'każ simili jkun hemm ukoll kwistjoni tal-liġi;

Fil-każ preżenti, jirriżulta li l-Maġisstrat sedenti in prima istanza kien effettivament daħal fil-provi, u għahekk, sabiex jista' jkun hemm dritt ta' appell da parti ta' l-Avukat Ġenerali, hemm bżonn li jirriżulta li kien hemm enunċjazzjoni ħażina, inkompleta jew skorretta tal-liġi fis-sentenza appellata. Jekk, invece, din l-enunċjazzjoni tinsab korretta, allura din il-Qorti għandha tieqaf hemm. Fil-fatt, kif ġie deċiż fis-sentenza *mogħtija mill-Onor. Imħallef W. Harding, fl-appell* ***Il-Pulizija vs* Bonnici**, deċiż fis-27 ta' Mejju, 1944, meta f'każijiet simili din il-Qorti ma ssibx fis-sentenza appellata enunċjazzjoni żbaljata tal-liġi, allura b'hekk l-appell tal-prosekuzzjoni jkun eżawrit, għaliex diversament ikun qed jiġi ammess appell f'każ fejn mhux ammissibbli, u din il-Qorti tkun qiegħda tissindika apprezzament ta' fatt tal-Qorti *a qua* fuq il-fatti kif riżultati mill-provi, ħaġa li mhix ammessa;

Skond l-artikolu 413 (1) (b) (iv) (i) tal-Kodiċi Kriminali, ċitat fir-rikors ta' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali, il-prosekuzzjoni għandha dritt ta' appell, fost raġunijiet oħra, meta

l-imputat *jiġi lliberat* mill-Ewwel Qorti għaliex fil-fatt ma jikkonkorrux l-elementi kostituttivi tar-reat. Dan id-dritt jeżisti biss meta l-Qorti tkun illiberat lill-imputat għaliex fil-fatt kif dedott fl-akkuża, indipendentement mill-provi, ma jkunx hemm reat, u mhux ukoll fil-każ li tkun illiberatu għaliex fil-fatt kif ippruvat, *ċjoè wara l-apprezzament tal-provi, ma jkunx hemm* reat. L-appellant Avukat Ġenerali jirritjeni li għandu dritt ta' appell ukoll in bażi għall-interpretazzjoni mogħtija fl-aħħar żminijiet fis-sens li, minkejja li l-Maġistrat sedenti jkun daħal fil-provi, hemm lok għall-appell jekk hu jkun għamel enunċjazzjoni *żbaljata jew inkompleta ta'* l-ipotesi tal-liġi;

Ikkunsidrat:

Illi *mill-kliem tas-senntenza appellata jidher ċar li l*-Ewwel Qorti kienet qed tirreferi għall-fatti kif riżultati mill-provi li ġew imressqa quddiemha, u l-liberazzjoni ta' l-imputat appellat kienet ibbażata fuq sempliċi apprezzament ta' dawk il-provi. Bis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti ma qatgħet ebda *punt ta' liġi fl-applikazzjoni tagħha għall-fatt kif ġie ippruvat*. Kif ġà ntqal, il-liberazzjoni ta' l-imputat appellat kienet ibbażata sempliċement fuq l-apprezzament tal-provi li kienu tressqu quddiem dik il-Qorti;

Fil-każ odjern, kif intqal, il-Maġistrat sedenti għamel apprezzament tal-provi, u kwindi, żgur ma jistax jingħad li hu kien illibera lill-imputat appellat fuq il-fatt kif sempliċement "dedott" fl-akkuża, mentri l-verità hi li hu kien illiberah in bażi għall-fatt "ippruvat". Jiġi *minn* dan li ngħad li din il-Qorti għandha tara jekk fis-sentenza appellata hemmx xi enunċjazzjoni ħażina ta' l-ipotesi tal-liġi u dan sabiex jista' jkun hemm lok għall-appell mill-parti tal-prosekuzzjoni. Fil-fatt, minn dak li setgħet tara din il-Qorti, ma jistax jingħad li hemm *fis-sentenza appellata xi enunċjazzjoni tal-liġi b'mod li hemm*

dibattut xi punt ta' dritt. Infatti, jekk wieħed jara sewwa s-sentenza appellata, għandu jsib li l-Maġistrat kien wasal għall-*konklużjoni tiegħu in bażi għall-konsiderazzjonijiet purament* ta' fatt dwar dak li ġara f'dan il-każ odjern. Del resto, il-Maġistrat ma setax jagħmel ħaġa oħra ħlief hekk għaliex ta' bilfors il-kwistjoni kellha tiġi ddeċifrata in bażi għal riflessjonijiet viżwali u ta' fatt;

Huwa veru li fil-bidu tas-sentenza appellata hemm premessi xi konsiderazzjonijiet dwar il-liġi in materja, iżda dawn ma jirrakkjudu ebda enunċjazzjoni interpretattiva ta' xi *punt oskur jew dibattut, imma huma sempliċement dikjarazzjoni* ta' l-istat tal-liġi. Kif ġie kemm-il darba deċiż, u dan bir-raġun, is-sempliċi applikazzjoni tal-liġi għall-fatt ma tammontax għal punt ta' dritt. Kieku kien diversament, kull sentenza kienet tkun appellabbli għaliex f'kull sentenza bilfors hemm u ssir applikazzjoni tal-liġi. Il-Qorti żżid u tgħid li din l-interpretazzjoni tad-disposizzjoni tal-liġi, li hija waħda loġika u aċċettabbli, ma għandhiex *tiġi żnaturata b'mod illi malli* f'sentenza tissemma l-liġi, allura jitqies li hemm lok għall-appell fuq punt ta' dritt, imma għandha tiġi korrettement miżmuma fil-limiti ġusti tagħha, ċjoè, fejn, in referenza għar-reat addebitat, il-Maġistrat ikun esponna ħażin jew b'mod inkomplet il-liġi li tirrigwarda dak ir-reat, u jkun applika għall-fatti dik il-liġi minnu skorrettement jew inkompletament enunċjata, ħaġa *li fi kwalunkwe każ*, ma *tirrikorrix affattu fil-*proċediment ordjern. Anzi, kuntrarjament, għandu jingħad li fil-każ preżenti, il-Maġistrat enunċja *tajjeb* il-liġi u ġaladarba din l-ipotesi kienet sewwa enunċjata, l-applikazzjoni tagħha għall-fatti partikolari tal-każ, hi biss kwistjoni ta' valutazzjoni tal-provi, ċjoè, apprezzament ta' fatti, li jisfuġġi għas-sindakat ta' *din il-Qorti. Fi ftit kliem, f'dan il-proċediment, il-Maġistrat* daħal fil-provi u l-enunċjazzjoni tal-liġi minnu magħmula hija waħda korretta u għalhekk ma hemmx lok għal indaġini oħra minn din il-Qorti li ma għandhiex tissidinika *apprezzament ta'*

l-Ewwel Qorti fuq il-fatti kif irriżultaw mill-provi. L-Avukat Ġenerali kien ikollu dritt ta' appell li kieku rriżulta li l-Maġistrat enunċja skorrettement l-ipotesi tal-liġi u mbagħad applika għall-fatti kif ippruvati dik l-ipotesi skorretta tal-liġi minnu enunċjata. Dan mhux il-każ hawnhekk;

Għal dawn ir-raġunijiet, għalhekk, din il-Qorti qed tilqa' l-eċċezzjoni ssollevata mill-appellat u tiddikjara l-appell ta' l-Avukat Ġenerali bħala wieħed irritu u null, u, konsegwentement, qiegħda tirrespinġih.